MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KEVIN MOMPALAO**

Seduta tat-2 ta' April, 2012

Talba Numru. 3/2012

Korporazzjoni Enemalta
Vs
Road
Construction Company Limited

It-Tribunal

Ra l-avviz prezentat mill-kumpanija attrici fit-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) li permezz tieghu l-korporazzjoni attrici talbet illi l-kumpanija konvenuta tigi kkundannata thallas lilha is-somma ta' erba mija u tmenin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€480.55) rapprezentanti danni kkagunati minnha f'taghmir taghha nhar id-dsatax (19) ta' Awwissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fit-Triq l-Ewropa, Victoria, Ghawdex. Dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tad-danni u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Ra d-digriet tieghu tat-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) li permezz tieghu din il-kawza giet appuntata ghas-smiegh nhar is-sittax (16) ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (2012) u fejn il-kumpanija konvenuta giet ordnata tipprezenta risposta fiz-zmien li trid il-ligi.

Ra ir-risposta tal-kumpanija konvenuta prezentata fil-wiehed u tletin (31) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn gie ecepiet illi t-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt peress illi s-socjeta konvenuta ma hijiex responsabbli ghar-rizarciment tad-danni reklamati mill-attrici.
Ra d-dokumenti esebiti mill-korporazzjoni attrici permezz ta' nota tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012).
Sema' x-xhieda moghtija fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (2012).
Ra n-nota ta' ammissjoni prezentata fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012).
Ra d-digriet tieghu tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) li permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.
Ikkunsidra .
Illi originarjament il-kumpanija konvenuta kienet qed tikkontesta t-talbiet tal-korporazzjoni attrici.
Illi fis-seduta ta' l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (2012), il-korporazzjoni attrici resqet diversi xhieda. Tressqu fil-fatt biex jixdhu s-Surgent PS581 Loreto Buttigieg, Angelo Buttigieg, haddiem mal-korporazzjoni attrici, l-inginier Josephine Vella, inginier mal-korporazzjoni attrici u kap tad-distrett ta' Ghawdex, Pierre Cauchi, impjegat mall-korporazzjoni attrici u finalment Jacqueline Busuttil, ufficcjal mill-Finance Section tal-korporazzjoni attrici. Din l-ahhar xhud xehdet dwar il-kont illi harget il-korporazzjoni attrici per konsegwenza tal-hsarat rizultanti mill-incident mertu ta' din il-kawza. Ix-xhieda l-ohra kienu diretti dwar il-hsara innifisha u kif din giet skoperta.
Illi fil-mori ta' din il-kawza, precizament fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012), il-kumpanija konvenuta ammettiet it-talbiet attrici in toto. Dan ghamlitu permezz ta' nota prezentata mill-avukat Carmelo Galea, seduta stante. Din l-ammissjoni hija wahda minghajr kundizzjoni. It-Tribunal ha konjizzjoni wkoll tal-breakdown tad-danni kif jirrizulta minn prospett esebit fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012).

In vista ta' l-ammissjoni maghmula mill-kumpanija konvenuta, dan it-Tribunal ghandu jilqa' t-talbiet tal-korporazzjoni attrici, aktar u aktar meta dan jirrizultaw ikkonfermati mill-bqija tal-provi li kienu lahqu gew rakkolti quddiem l-istess Tribunal.
Mill-atti processwali ma jirrizultax illi kienu intbaghtu xi ittri ufficjali qabel din il-kawza. Kien hemm skambju ta' korrispondenza fejn l-ammont reklamat gie indikat mill-korporazzjoni attrici, pero' l-kumpanija konvenuta cahdet ir-responsabilta ghad-danni. In vista ta' dan, it-Tribunal jidirlu illi l-imghaxijiet ghandhom jiddekorru mill-prezentata ta' dan l-avviz il' quddiem u mhux mid-data ta' l-incident de quo.
Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talbiet attrici, jichad l-eccezzjoni tal-kumpanija konvenuta, jikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas is-somma ta' erba mija u tmenin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€480.55), bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz il' quddiem. L-ispejjez kollha ta' din il-kawza jkunu a karigu tal-kumpanija konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------